MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 758/2009

Kevin **AZZOPARDI**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU,** bħala l-Ministru responsabbli mill-Forzi Armati ta’ Malta, u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta' Lulju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li meta l-imħarrkin, jew min minnhom, qatgħuha li ma jħalluhx jerġa' joqgħod għal *resit* tal-eżami prattiku biex jilħaq il-grad ta' Sewwieq B2 fil-Forzi Armati ta' Malta dawn kienu ħadu deċiżjoni abbużiva, irraġonevoli u kontra l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' dak l-egħmil amministrattiv għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex jerġgħu jawtorizzawh joqgħod għall-imsemmi *resit* ta' l-eżami għall-grad ta' Sewwieq B2 fi ħdan l-armata u dan fiż-żmien qasir li l-Qorti jogħġobha tiffissalhom; u (ċ) tordna li, f'każ li hu jgħaddi mill-imsemmi eżami, jingħata promozzjoni għall-grad ta' Bumbardier b'lura minn Ottubru tal-2008. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-3 ta' Settembru, 2009, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li din il-Qorti mgħandhiex is-setgħa li tisma' u tistħarreġ dwar it-talba tal-attur biex tordna li jerġa' jsir l-eżami riparatorju, liema talba hija stedina biex il-Qorti tieħu funzjoni amministrattiva minflok waħda ġudizzjarja; qalu wkoll li jonqos fl-attur l-interess ġuridiku biex iressaq u jmexxi 'l quddiem din il-kawża billi tant mar ħażin fl-eżami tal-prattika li kien weħel minnu u ma kienx jista' jersaq għall-eżami riparatorju; u qalu wkoll li jonqos fl-azzjoni attriċi l-fundament ġuridiku billi ma jeżisti l-ebda jedd li wieħed jingħata promozzjoni. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ġudizzju tagħhom dwar il-ħila tal-attur kien wieħed imħaddem tajjeb u b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u għalhekk la jista' jingħad li mxew lil hinn mis-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi ("*ultra vires*") u lanqas li mxew b'abbuż tal-poter. Żiedu jgħidu li meta jitqiesu applikazzjonijiet biex jimtlew karigi battala fi ħdan l-Armata, jittieħed qies komplessivament ta' għadd ta' kriterji. Ħareġ ukoll li, hu u għaddej l-eżami miktub, l-attur inqabad b'materjal

ipprojbit li ġablu l-iskwalifika mill-eżami kollu. Għalhekk, qalu li l-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet kollha tal-attur;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Ottubru, 2009[1], li bih waqfet milli tqis aktar il-kawża u ordnat li l-atti tal-kawża jintbagħtu lil din il-Qorti kif presjeduta minħabba n-natura tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet, magħduda dawk dokumentali u x-xhieda mressqa bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u ħadet qies tal-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2012[2], li bih il-Qorti iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-19 ta' Lulju, 2012[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-12 ta' Settembru, 2012[4], bi tweġiba għal dik imressqa mill-attur;

---

[1] Paġ. 23 tal-proċess
[2] Paġ. 151 tal-proċess
[3] Paġġ. 156 – 165 tal-proċess
[4] Paġġ. 167 – 181 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2012[5], li bih ħalliet lill-attur iressaq replika għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin, ladarba fl-istess Nota huma qajmu eċċezzjoni ulterjuri li dwarha ma kienx laħaq ittratta sal-waqt li kien ressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu;

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa mill-attur waqt is-smigħ tat-8 ta' Novembru, 2012[6], b'replika għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[5] Paġ. 183 tal-proċess
[6] Paġġ. 184 sa 202 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-attur huwa suldat fil-Forzi Armati ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "FAM"), u qiegħed jitlob li din il-Qorti tistħarreġ iċ-ċaħda tal-FAM milli tħallih joqgħod għall-eżami riparatorju dwar l-eżami għall-għażla fil-grad ta' Sewwieq B2, u l-għoti lilu b'lura tal-grad ta' bumbardier minħabba l-imsemmija ċaħda li huwa jgħid li kienet abbużiva, irraġonevoli u bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu, b'mod preliminari, qalu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u tistħarreġ dwar it-talba tal-attur biex tordna li jerġa' jsir l-eżami riparatorju, liema talba hija stedina biex il-Qorti tieħu funzjoni amministrattiva minflok waħda ġudizzjarja; qalu wkoll li jonqos fl-attur l-interess ġuridiku biex iressaq u jmexxi 'l quddiem din il-kawża billi tant mar ħażin fl-eżami tal-prattika li kien weħel minnu u ma kienx jista' jersaq għall-eżami riparatorju; u qalu wkoll li jonqos fl-azzjoni attriċi l-fundament ġuridiku billi ma jeżisti l-ebda jedd li wieħed jingħata promozzjoni. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ġudizzju tagħhom dwar il-ħila tal-attur kien wieħed imħaddem tajjeb u b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u għalhekk la jista' jingħad li mxew lil hinn mis-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi ("*ultra vires*") u lanqas li mxew b'abbuż tal-poter. Żiedu jgħidu li meta jitqiesu applikazzjonijiet biex jimtlew karigi battala fi ħdan l-Armata, jittieħed qies komplessivament ta' għadd ta' kriterji. Ħareġ ukoll li, hu u għaddej l-eżami miktub, l-attur inqabad b'materjal ipprojbit li ġablu l-iskwalifika mill-eżami kollu. Għalhekk, qalu li l-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet kollha tal-attur;

Illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom[7], l-imħarrkin qajmu tliet (3) eċċezzjonijiet oħrajn li ma kenux qajmu fit-Tweġiba Maħlufa. Filwaqt li l-Qorti ttenni li dan il-mod kif jitressqu l-eċċezzjonijiet wara li jkun diġa' ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi u meta tkun qiegħda ssir it-trattazzjoni tal-għeluq tal-każ jinħass li ma huwiex la xieraq u lanqas għall-aħjar tmexxija tal-każ u tal-jedd tal-parti attriċi[8], sejra ssemmihom u tqis aktar 'il quddiem jekk għandhiex tqishom ladarba tressqu bi ksur tal-artikoli

[7] Paġġ. 171 – 5 tal-proċess
[8] App. Ċiv. **16.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina***

728(2) tal-Kap 12. L-imsemmija eċċezzjonijiet ulterjuri huma: (i) li l-Prim Ministru ma messux tħarrek f'din il-kawża għaliex mhuwiex leġittimat biex iwieġeb għat-talbiet tal-attur; (ii) li l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien perentorju maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12; u (iii) li l-azzjoni attriċi tinsab eżawrita ladarba, matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja, l-attur reġa' għamel l-eżami u ngħażel fil-grad mertu tat-talba. Għall-imħarrkin, dawn it-tliet eċċezzjonijiet miżjuda huma lkoll eċċezzjonijiet perentorji li jistgħu jitressqu f'kull waqt tal-kawża, jekk mhux saħansitra jitqajmu wkoll mill-Qorti minn rajha ("*ex ufficio*");

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur ilu fl-FAM sa mill-1992 u jokkupa l-kariga ta' *lance bombardier*. Fit-8 ta' April tal-2008[9], saret sejħa għall-applikazzjonijiet għal eżami għall-grad ("*trade*") ta' Sewwieq BII u l-attur applika għalih. Dak l-eżami kien jitlob li l-kandidat joqgħod kemm għall-karta miktuba u kemm għal eżami prattiku fuq trakk provdut mill-FAM, l-għada li jkun sar l-eżami bil-miktub. Minħabba l-għadd ta' dawk li applikaw, ittieħdet id-deċiżjoni li l-applikanti jinqasmu f'żewġ gruppi[10]. Qabel ma sar l-eżami, kull min kien eliġibbli kien intbagħat għal kors ta' taħriġ[11];

Illi skond is-sejħa li kienet saret[12], l-eżami miktub kellu jinżamm fil-*canteen* tal-kwartieri tal-Armata f'Ħal Luqa, filwaqt li l-eżami prattiku kellu jsir fil-kwartieri ta' l-Armata f'Ħal Safi. L-eżami miktub kellu jinżamm fit-28 ta' April, 2008 (għall-ewwel għadd ta' konkorrenti) u fis-26 ta' Mejju, 2008 (għat-tieni għadd ta' konkorrenti), filwaqt li l-eżami prattiku kellu jinżamm fid-29 ta' April, 2008 (għall-ewwel għadd ta' konkorrenti) u fis-27 ta' Mejju, 2008 (għat-tieni għadd ta' konkorrenti). L-eżami riparatorju tal-prattika kellu jsir fil-5 ta' Ġunju, 2008, filwaqt li l-eżami riparatorju tal-kitba kellu jsir fit-12 ta' Ġunju, 2008. Dan tal-aħħar jidher li kien limitat għal dawk li kienu jagħmlu mit-tieni għadd ta' konkorrenti biss. L-attur

9 Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
10 Dok "Ċ", f'paġ. 12 tal-proċess
11 Affidavit tal-attur Dok "KA", f'paġ. 30 tal-proċess
12 Ara Dok "Ċ", f'paġ. 9 tal-proċess

kien wieħed minn dawk li jagħmlu parti mill-ewwel għadd, kif jixhed ir-"*Record of Proceedings*" relattiv[13];

Illi wara li resaq għall-prova miktuba, l-attur kien mgħarraf li ried jersaq għall-eżami prattiku fuq trakk provdut mill-FAM. Ftit żmien qabel resaq għall-prattiku, kien mgħarraf li ma kienx sejjer jitħalla jersaq għalih. Huwa jgħid li, għalhekk, iż-żamma tiegħu milli jitħalla jagħmel l-eżami prattiku ma kenitx sewwa li nżamm milli jersaq, meta l-prattika kienet li huwa kellu jagħmel l-eżami prattiku u mbagħad il-karta bil-miktub. Jgħid li, minħabba f'dan in-nuqqas, tilef l-opportunita' li jilħaq Sewwieq BII u li jingħata promozzjoni;

Illi bħala fatt, l-attur qagħad għall-eżami miktub fit-28 ta' April, 2008, u għall-eżami prattiku tas-sewqan l-għada. Mill-eżami miktub għadda, imma ma għaddiex mill-prattiku[14];

Illi meta ressaq ix-xhieda tiegħu b'affidavit, l-attur żied jgħid li għall-bidu ma kienx fil-lista ma' dawk li kienu għaddew l-eżami miktub li nżamm fit-28 ta' April, 2008. Madankollu, lejn l-aħħar jiem ta' Mejju, *Lance Bombardier* Alex Abdilla kien għarrfu b'telefonata li kellu joqgħod għall-eżami riparatorju tal-kitba tlitt ijiem wara, jiġifieri fis-26 ta' Mejju, 2008[15]. Jgħid li waqt li kien għaddej l-eżami u għoddu għalaq il-ħin mogħti, wieħed mill-kandidati nqabad jikkopja. Saret tfittxija fuq il-kandidati kollha li kienu qegħdin jagħmlu l-eżami, u fil-*pocket* tal-attur instabu żewġ gomom b'xi kitba fuqhom. Il-kaptan Joseph Cachia, li kien *invigilator*, skwalifika lill-attur minnufih u ħadlu l-karta tal-eżami. Aktar tard dak inhar, il-Kaptan Cachia intebah li l-attur ma kellux ikun fost il-kandidati għall-eżami riparatorju miktub, imma għal dak prattiku li kellu jsir l-għada[16]. L-attur ressaq ilment dak inhar stess mal-uffiċjal inkarigat;

---

[13] Paġ. 10 tal-proċess
[14] Ara Dok "JBA", f'paġġ. 136 – 7 tal-proċess
[15] Xhieda ta' L.Bdr. Alex Abdilla 2.11.2010, f'paġ. 56 tal-proċess
[16] Xhieda tiegħu 1.2.2011, f'paġ. 88 tal-proċess

Illi għaddiet sena u ftit jiem wara li ressaq l-ilment li l-attur kien mgħarraf li kien sar żball għaliex hu ma kienx messu ntalab jagħmel l-eżami riparatorju tal-kitba, imma biss l-eżami riparatorju tal-prattika, għaliex fl-eżami miktub li sar f'April, 2008, hu kien għadda u għadda b'marka tajba. Kemm hu hekk, meta saru l-verifiki wara li l-attur kien ressaq l-ilment tiegħu, ħareġ li, fl-eżami miktub, l-attur kien ġab marka ta' sebgħa u sittin punt ħamsa fil-mija (67.5%) fejn il-*passmark* kienet ta' sittin fil-mija (60%)[17]. Il-*passmark* tissemma wkoll fil-karta tal-eżami nfisha[18]. Madankollu, billi ma kienx għadda mill-eżami prattiku[19], baqa' ma ħax il-grad;

Illi meta sar l-eżerċizzju tal-promozzjonijiet f'Mejju tal-2009, u billi l-każ tal-ilment tiegħu dwar x'ġara waqt l-eżami kien għadu ma nqatax, l-attur ma ntgħażilx għaliex ma kienx għadu kiseb it-*trade* ta' Sewwieq BII. Huwa jgħid li, minkejja dan, kien xorta waħda jitqabbad isuq trakkijiet tal-Armata u saħansitra jġorr truppi fihom;

Illi fit-22 ta' Lulju, 2009[20], ressaq protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin u talabhom "sabiex jagħtuh rimedju għall-inġustizzja li huwa sofra". Fil-31 ta' Lulju, 2009, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi f'eżerċizzju għall-ħatra fil-grad ta' "*Driver (Heavy Duty) Group B Class II*" li sar f'Marzu tal-2010[21], l-attur kien għadda u ngħata l-ħatra b'seħħ mit-18 ta' dak ix-xahar[22];

Illi kif inhu xieraq, din il-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjoni legali tal-każ billi l-ewwel tistħarreġ l-eċċezzjonijiet preliminari u l-ammissibilita' tagħhom. Kif ingħad, qabel, l-imħarrkin żiedu jqajmu eċċezzjonijiet li ma kinux qajmu u la fit-Tweġiba Maħlufa u lanqas sakemm kien għadu

[17] Xhieda ta' Lt. Kul. Mario Borġ 20.4.2010, f'paġ. 42 tal-proċess
[18] Dok "JC2", f'paġ. 74 tal-proċess
[19] Ara l-Iskeda tar-Riżultat f'Dok "JC1", f'paġ. 72 tal-proċess
[20] Dok "B", f'paġġ. 4 – 5 tal-proċess
[21] Dokti "KA1" u "CMA", f'paġġ. 35 – 6 u 95 – 6 tal-proċess
[22] Xhieda tal-attur 20.2.2010, f'paġġ. 37 – 8 tal-proċess

għaddej l-istadju tal-ġbir tal-provi. Qajmuhom biss fin-Nota ta' Sottomissjonijiet;

Illi l-Qorti tqis li, bħala regola, l-liġi[23] trid li kull eċċezzjoni oħra li ma tkunx tqajmet fit-Tweġiba Maħlufa tista' titħalla titressaq biss jekk kemm-il darba l-parti mħarrka tkun talbet il-permess tal-qorti b'rikors biex titħalla tressaqha. Madankollu, hija l-liġi wkoll[24] li tgħid li dik ir-regola ma tgħoddx fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonijiet li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew li jinqalgħu waqt is-smigħ tal-kawża. F'dan ir-rigward, il-fehma tal-Qrati tagħna mhux dejjem kienet l-istess. Għalhekk, kien hemm drabi fejn in-nuqqas ta' tressiq ta' eċċezzjoni ulterjuri (ukoll waħda perentorja tal-ġudizzju) bla ma ntalab permess b'rikors kien meqjus li jġib in-nullita' tal-istess eċċezzjoni[25]; filwaqt li kien hemm każijiet oħrajn fejn il-formalita' tar-rikors ma tqisitx meħtieġa meta titqies in-natura tal-eċċezzjoni li tkun[26];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li t-tliet eċċezzjonijiet imqanqlin mill-intimati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom għandhom ilkoll min-natura ta' eċċezzjonijiet perentorji u għaldaqstant jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża u għalihom ma jgħoddx id-dispost tal-artikolu 728(2) tal-Kap 12. Jingħad is-sewwa, fil-każ ta' eċċezzjonijiet ta' din l-għamla hija eskluża kull diskrezzjoni tal-Qorti li quddiemha jitqajmu li tara jekk kienx hemm raġuni tajba għaliex ma jkunux tressqu qabel, u l-istħarriġ ta' dik il-qorti jrid ikun limitat biex jistabilixxi jekk tabilħaqq eċċezzjoni bħal dik hijiex ta' sura perentorja[27] u tgħaddi biex tittrattaha ukoll jekk din titqajjem wara li l-kawża tkun tħalliet għas-sentenza[28]. Jibqa' dejjem il-fatt li, bħala prattika għaqlija u mod lejali kif parti tmexxi l-każ tagħha, jkun aħjar li kieku eċċezzjonijiet bħal dawn jitqajmu f'Risposta Ulterjuri milli b'sempliċi tismija jew sottomissjonijiet f'Nota tal-Osservazzjonijiet;

[23] Art. 728(2) tal-Kap 12
[24] Art. 731 tal-Kap 12 u ara App. Inf PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gayle Scerri vs Eric Borġ et***
[25] P.A. RCP **17.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Gauċi et vs Alan Xuereb et*** (appellata)
[26] P.A. **26.1.2001 f**il-kawża fl-ismijiet ***Herbert Mifsud vs Edward Lentini***
[27] App. Ċiv. **16.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sunspot Tours Ltd vs C.H. Caterers Ltd***
[28] App. Ċiv. **25.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lia et vs Alan Gatt et***

Illi l-Qorti sejra tqis l-ewwel dawn **l-eċċezzjonijiet ulterjuri** mqajmin mill-intimati. Kif ingħad, l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tgħid li l-Prim Ministru ma messux tħarrek għaliex hu ma kellu x'jaqsam xejn mad-deċiżjonijiet meħuda u mal-ġrajja kollha li minnhom jilminta l-attur. Huma jisħqu li, mit-talbiet tal-attur, l-ebda lment minnhom ma jista' jitqiegħed f'ħoġor l-imħarrek Prim Ministru u ma kien hemm l-ebda ħtieġa li dan ikun parti fil-kawża, wkoll jekk l-Armata taqa' taħt is-setgħat ministerjali tiegħu;

Illi wara li l-Qorti fliet sewwa l-provi li tressqu u rat is-sottomissjonijiet studjati tal-imħarrkin[29], tasal għall-fehma li din l-eċċezzjoni taqbel mal-artikolu 181B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ħareġ ċar li fl-ebda waqt ma kien intalab il-parir jew ingħatat xi ordni mill-istess Prim Ministru. L-eżerċizzju tal-għażla mertu tal-każ li saret biex jimtlew il-gradi li għalihom applika l-attur kienu eżerċizzju li nżamm fil-qafas tal-prattika regolari li ssir fl-Armata kull sena. Ma kien hemm xejn li fih intwera li l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru kien indaħal fi jew kien jaħti għal dak li ġara matul l-imsemmi proċess;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija tajba u l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru ma messux kien imħarrek biex iwieġeb għat-talbiet tal-attur, u għalhekk sejra teħles lill-istess imħarrek milli jibqa' fil-kawża;

Illi t-tieni eċċezzjoni ulterjuri tgħid li l-azzjoni tal-attur waqgħet għaliex għadda ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bis-saħħa ta' dak l-artikolu, l-liġi trid li azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju taħt is-sub-artikolu (1)(b) – bħalma hija din il-kawża tal-lum – trid tinbeda fi żmien sitt (6) xhur minn mindu, min ikollu interess, isir jaf jew sata' jsir jaf bl-egħmil amministrattiv;

---

[29] §§ 26 sa 33 tan-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom f'paġġ. 172 – 3 tal-proċess

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[30]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-egħmil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal egħmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn egħmil amministrativ issir taf b'dak l-egħmil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[31]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-egħmil, liema data tiġi l-ewwel;

Illi l-imħarrek jgħid li l-azzjoni li ressaq l-attur inbdiet wisq wara li kienu għaddew l-imsemmija sitt xhur. Huwa jgħid li hekk kif tħabbru r-riżultati tal-eżami fl-1 ta' Awwissu tal-2008, l-attur messu fehem li ma kienx intgħażel. Għalhekk, kellu jiftaħ il-kawża fi żmien sitt xhur u mhux aktar tard minn Frar tal-2009. Ladarba fetaħ il-kawża f'Lulju tal-2009, jiġi li mexxa wara ż-żmien;

Illi l-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-eċċezzjoni hija tajba. Fl-ewwel lok, jidher li l-imħarrek qiegħed jinsa li l-azzjoni attriċi tressqet wara li, f'Ġunju tal-2009, l-attur sar jaf formalment li, meta kien resaq għall-eżami miktub f'April tal-2008, kien għadda u mhux weħel. Dan sar jafu wara li, minkejja li ressaq ilment għat-tkeċċija tiegħu mill-eżami li sar f'Mejju tal-

[30] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

[31] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

2008, l-ilment tiegħu dam 'il fuq minn sena ma kien mistħarreġ. Kif xehed il-Kurunell Mario Borġ[32], il-każ tal-ilment tal-attur sar jaf bih fil-bidu ta' Ġunju tal-2009 u bagħat għall-attur minnufih u kien f'dak il-waqt li għarraf formalment lill-attur bl-iżball li kien sar f'April tal-2008;

Illi l-Qorti tqis li ma huwiex xieraq li l-attur ibati n-nuqqasijiet tal-Armata bħala nuqqas tiegħu. Ma kellu l-ebda rimedju ieħor biex iħeġġeġ it-tħaffif tal-istħarriġ tal-ilment tiegħu. Li kieku fetaħ kawża qabel ma ngħalaq l-istħarriġ intern tal-ilment, wisq probabbli kien isib ma' wiċċu eċċezzjoni mill-imħarrek taħt l-artikolu 469A(4) talli jkun naqas milli jieħu r-rimedji alternativi li tagħtih il-liġi;

Illi, min-naħa l-oħra, hekk kif l-attur sar jaf x'kien ġara, ma tnikkirx. Ressaq protest ġudizzjarju u meta ra li baqa' ma ngħatax widen, fetaħ il-kawża ftit jiem wara. Dan kollu jwassal lill-Qorti biex issib li ż-żmien utli li l-attur kellu nqeda bih sewwa u fil-ħin;

Illi, fit-tieni lok u fuq livell ta' dritt, għalkemm huwa minnu li din l-eċċezzjoni hija waħda perentorja tal-ġudizzju, hija eċċezzjoni li messha tqajmet *in limine litis* għaliex id-dekadenza tal-azzjoni (b'differenza mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni) mhijiex waħda mill-eċċezzjonijiet li jsemmi l-artikolu 731 tal-Kap 12 u għaldaqstant, jekk ma titqajjimx fil-bidu mat-tweġiba Maħlufa, jitqies li l-parti mħarrka tkun irrinunzjat għaliha[33];

Illi f'dan il-każ, tant l-imħarrek irrinunzja għall-eċċezzjoni li baqa' jikkontesta l-kawża u jressaq il-provi tiegħu u jidher li ntebaħ biha biss meta kien qiegħed ifassal is-sottomissjonijiet tal-għeluq meta kien tard wisq;

[32] Xhieda tiegħu 1.2.2011, f'paġ. 84 tal-proċess

[33] Ara App. Ċiv. **19.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borġ et vs Sindku Kunsill Lokali Pieta' noe et noe*** u l-każijiet li tirreferi għalihom

Illi għal dawn ir-raġunijiet issib li l-eċċezzjoni mhijiex tajba għaliex l-attur fetaħ il-kawża fiż-żmien li tagħtih il-liġi, filwaqt li l-eċċezzjoni tressqet tardivament. L-eċċezzjoni ulterjuri, għalhekk, ser tkun miċħuda;

Illi t-tielet eċċezzjoni ulterjuri tgħid li jonqos fl-attur l-interess li jkompli bil-kawża ladarba, matul is-smigħ tagħha, huwa ngħata l-ħatra li kien sewwasew qiegħed jitlob meta fetaħha. Din l-eċċezzjoni, fi kliem sempliċi, tqajjem il-kwestjoni tal-interess ġuridiku fl-attur, b'mod partikolari fl-element tal-attwalita' tagħha. Din l-eċċezzjoni tista' u sejra titqies flimkien mat-tieni eċċezzjoni preliminari li l-istess imħarrkin kienu qanqlu fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ **l-eċċezzjonijiet preliminari** mressqin mill-imħarrkin sa mill-bidu tal-każ fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom;

Illi l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tgħid li t-talba tar-rikorrent (it-tieni talba attriċi) biex il-Qorti tordna li l-imħarrkin jerġgħu jħallu lill-attur jerġa' jagħmel l-eżami prattiku tmur lil hinn mis-setgħat tal-Qorti f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi huwa stabilit li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju l-Qorti twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-egħmil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorita' li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-egħmil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-egħmil amministrattiv, liema egħmil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorita' pubblika li tkun;

Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-egħmil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ egħmil amministrativ għandha tqis is-siwi ta' egħmil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-egħmil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorita' kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorita' li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-egħmil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita' għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[34]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorita' pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-egħmil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

Illi fil-każ tat-tieni talba attriċi, l-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tordna lill-imħarrek li, fiż-żmien qasir li jogħġobha tordnalu, jressaq lill-attur mill-ġdid għall-eżami prattiku riparatorju;

Illi l-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija tajba. Kif inhi magħmula t-tieni talba attriċi, qiegħed jintalab rimedju li din il-Qorti f'kawża bħalma għandha quddiemha ma tistax tagħti. Hija talba li tittanta tissostitwixxi kompetenza li l-liġi tagħti biss lill-Kap Kmandant imħarrek;

Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li din l-eċċezzjoni tiswa biss safejn tolqot it-tieni talba attriċi. Din il-Qorti għandha kull setgħa li tqis u teżamina l-ewwel talba attriċi;

Illi t-**tieni eċċezzjoni preliminari** tittratta dwar l-interess ġuridiku fl-attur li jmexxi 'l quddiem din il-kawża minħabba li tgħid li tant mar ħażin fl-

---

[34] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

eżami tal-prattika, li ma kienx eliġibbli li jersaq għall-eżami riparatorju tal-kitba. Il-Qorti sejra tistħarreġ din l-eċċezzjoni flimkien mat-tieni eċċezzjoni ulterjuri kif issemma qabel;

Illi b'dawn l-eċċezzjonijiet, l-imħarrek qiegħed jgħid li l-attur mgħandux aktar l-interess ġuridiku li jibqa' jmexxi l-kawża. Ikun tajjeb li l-Qorti tiċċara li qiegħda tifhem li l-eċċezzjoni preliminari tirreferi għall-fatt li l-attur weħel bil-kbir mill-eżami prattiku tas-sewqan li ma għandu l-ebda interess li l-Qorti tistħarreġ il-kwestjoni għaliex ma tħalliex jersaq għall-eżami riparatorju prattiku. Dwar l-eċċezzjoni ulterjuri, tifhem li l-imħarrek irid li ladarba l-attur raġa' resaq għall-eżami fl-2010 u ngħata l-grad, ma għadx fadallu aktar interess li jsostni l-kawża;

Illi l-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn tintilef f'ħafna deliberazzjonijiet dwar in-natura u l-elementi tal-interess ġuridiku. Tgħid biss li l-eċċezzjoni preliminari titlaq mill-presuppost li l-fatt li l-attur weħel mill-eżami prattiku huwa l-bażi tal-azzjoni tiegħu. Dan żgur mhuwiex il-każ. L-attur jaf li weħel l-ewwel darba li qagħad għall-eżami prattiku tas-sewqan (tant li qed jitlob li jitħalla jerġa' joqgħod għalih), iżda l-azzjoni attriċi mhijiex mibnija fuq dan, imma fuq iċ-ċaħda li jitħalla jersaq għall-eżami riparatorju. Huwa jisħaq li l-fatt li oħrajn bħalu, li kienu weħlu fl-ewwel eżami prattiku tas-sewqan, tħallew jersqu għall-eżami riparatorju tas-sewqan u hu ma tħalliex, inissel interess ġuridiku tajjeb u qawwi biżżejjed biex isejjes l-azzjoni tiegħu. Il-Qorti taqbel għal kollox ma' din is-sottomissjoni tal-attur. Hija ħaġ'oħra jekk għandux raġun, iżda żgur ma jistax jingħad li, għax weħel mill-ewwel eżami, naqas fih l-interess ġuridiku li jitlob li jerġa' jitħalla jagħmlu. Kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem, ħareġ li, fis-sewwa, l-attur messu ssejjaħ biex jagħmel l-imsemmi eżami u mhux l-eżami riparatorju tal-kitba. Minbarra dan, fl-eżerċizzju li sar fl-2010, tħalla jersaq għall-eżami li f'din il-kawża qiegħed jitlob li jitħalla jersaq għalih. Dan ifisser li l-ġrajja nfushom jixhdu li l-attur kellu interess li jitlob dak li talab;

Illi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri, din iddur mal-element tal-attwalita' tal-interess biex wieħed jagħmel u jmexxi 'l quddiem kawża. Skond it-tagħlim tal-awturi u d-duttrina, wieħed mill-elementi tal-interess ġuridiku hu dak tal-attwalita', jiġifieri li f'kull waqt tal-kawża l-parti trid turi li dak l-interess ma jkunx intemm jew sfuma fix-xejn. L-imħarrek jisħaq li, ladarba l-attur reġa' resaq għall-eżamijiet meta saret is-sejħa fl-2010 u ngħata l-grad li xtaq, ma fadallux interess iżjed biex imexxi din il-kawża;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Filwaqt li jista' jkun li dan l-interess ġie nieqes jew eżawrit fir-rigward ta' wħud mit-talbiet attriċi, ma jistax jingħad li ġie nieqes fir-rigward tal-ewwel talba. Ladarba dan hu l-każ, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess tiġi ma tiswiex. Lanqas jista' jingħad li l-ewwel talba tagħti interess biss akkademiku jew emulattiv. L-ewwel talba hija l-qofol tal-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju, u jekk tintlaqa' tista' tkun ta' utilita' lill-attur għal rimedji effettivi, ukoll jekk dawn jinkisbu billi l-attur jieħu proċeduri oħrajn. Dan huwa biżżejjed biex jagħti t-timbru tal-attwalita' u tal-legalita' tal-interess ġuridiku fl-attur;

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li l-eċċezzjonijiet huma tajbin u mhix sejra tilqagħhom;

Illi t-**tielet eċċezzjoni preliminari** titkellem dwar in-nuqqas ta' fundament ġuridiku fl-azzjoni attriċi minħabba li ħadd ma għandu jedd għal promozjoni. Din l-eċċezzjoni hija waħda li titqajjem b'mod regolari f'kawżi bħal din tal-lum, iżda jidher li filwaqt li tistabilixxi fatt aċċettabbli, tinjora x'ikun l-ilment. F'kawża ta' stħarriġ ġudizzjaru bħalma hija l-kawża li l-Qorti għandha quddiemha, l-ilment sindakabbli jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-eżerċizzju ta' ħatriet li jkun sar ikun milqut minn nuqqasijiet li jivvizzjawh. Jekk minħabba dawk in-nuqqasijiet jintlaqtu l-prospetti tal-istess parti fl-għażla tagħha għall-ħatra jew għall-promozzjoni f'dik il-ħatra, il-proċess innifsu tal-għażla jibqa' xorta waħda l-element ewlieni tal-istħarriġ;

Illi jekk mill-provi joħroġ li tabilħaqq il-proċess imniedi jkun fih nuqqasijiet li l-liġi ma taċċettahomx, il-proċess kollu jista' jitħassar u dak hu r-rimedju li l-Qorti tista' tagħti;

Illi f'dan il-każ, l-attur jixli lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, li wettqu proċess vizzjat li, minħabba n-nuqqasijiet li kienu saru matulu, ġarrab l-effett li baqa' ma ngħatax ħatra. Hawnhekk, il-qofol tal-azzjoni attriċi jibqa' dak li l-Qorti ssib jekk huwiex minnu jew le li dak il-proċess kien milqut bin-nuqqasijiet allegati. L-għoti tabilfors tal-promozzjoni mhuwiex ir-rimedju li l-attur jista' jitlob jew li din il-Qorti tista' tagħti, kif ingħad meta kienet qiegħda tkun mistħarrġa l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari mhijiex tajba u mhijiex sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tistħarreġ **l-azzjoni attriċi fil-mertu** fid-dawl tal-**eċċezzjonijiet fil-mertu** mressqin kontriha mill-imħarrkin. Minħabba li l-Qorti sabet li l-Prim Ministru tħarrek ħażin u għalxejn, sejra tqis il-każ bħallikieku l-kawża nfetħet biss kontra l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati;

Illi l-attur espressament jibni l-azzjoni tiegħu fuq dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li mill-mod kif żvolġa l-każ u mill-għamla ta' provi li tressqu, l-attur isejjes il-każ tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-inċiż (ii) tal-imsemmi sub-artikolu. Dan joħroġ ukoll mis-sottomissjonijiet tal-għeluq imressqin miż-żewġ partijiet;

Illi l-imsemmija dispożizzjonijiet jitkellmu dwar egħmil amministrattiv li fih l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali hi u twettqu, jew xi ħtiġijiet mandatorji, hi hu twettaq dak l-egħmil jew matul il-proċess li fih dik l-awtorita' tkun għadha qiegħda tqis kif se twettaq l-

egħmil innifsu. Jitkellmu wkoll dwar abbuż tas-setgħa min-naħa tal-awtorita' pubblika billi l-egħmil jitwettaq għal għanijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

Illi l-attur jgħid li l-proċess li sar ma sarx sewwa. Huwa jisħaq li sar taħwid amministrattiv li, minħabba fih, ma ġewx imħarsin ħtiġiet proċedurali li kienu stabiliti u mistennija fis-sejħa li saret għall-mili tal-grad. Jgħid ukoll li minħabba f'dak in-nuqqas, baqa' jġarrab il-konsegwenzi li wassluh biex jitlob ir-rimedju minn din il-Qorti;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq li l-mod kif tmexxew l-affarijiet kien xieraq u rett u li dak li ġralu l-attur ġabu b'idejh, partikolarment meta nqabad jikkopja waqt l-eżami. Iżid jgħid li ma sar xejn li kien *ultra vires* u li, f'kull każ, l-għoti tal-grad ta' Sewwieq BII ma tissarrafx awtomatikament fi promozzjoni, għaliex hija biss wieħed mill-kriterji li jitqiesu meta l-għoti tal-promozzjonijiet ikun qiegħed jitwettaq;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li aspett kruċjali li ħareġ mill-provi hu li l-attur kien għażel li jwieġeb għal sejħa biex jingħata grad li sa dakinhar ma kellux. Kien ingħata t-taħriġ wara li wieġeb għal dik is-sejħa. Kien mgħarraf li, biex jingħata l-grad, kellu jagħmel eżami. Dan l-eżami kien maqsum f'żewġ partijiet: wieħed miktub li minnu ried jgħaddi b'mhux anqas minn sittin fil-mija (60%) tal-marki, u wieħed prattiku, li fih ried isuq trakk. Dawn il-kundizzjonijiet intalbu mill-attur bħalma ntalbu minn dawk kollha li wieġbu għas-sejħa;

Illi mill-provi ħareġ ċar li l-attur għadda mill-eżami miktub. Ġab 67.5 fil-mija u għalhekk qabeż sewwa l-għatba tas-60% bħala *passmark*. Meta resaq għall-eżami tal-prattika, jidher li ħa falza stikka u weħel. Jidher li weħel għal raġunijiet tajba. Ħareġ ukoll li, minkejja li l-attur u oħrajn miegħu weħlu mill-prattiku wkoll, tingħatalhom opportunita' oħra biex jerġgħu jipprovaw f'eżami reparatorju;

Illi, minn hemm 'il quddiem, iżda, nqala' l-għawġ. Minkejja li l-attur kien għadda mill-eżami miktub, ismu ma ħariġx fuq il-lista ta' dawk li kienu għaddew, u kien tniżżel biss li kien weħed mill-prattiku. Minbarra dan, meta ttieħdet id-deċiżjoni li min weħel mill-prattiku jingħata opportunita' oħra biex jagħmel ir-riparatorju tal-prattika, l-attur bagtu għalih biex jagħmel l-eżami riparatorju tal-kitba. Kien matul dan l-eżami riparatorju li l-attur inqabad jikkopja u tkeċċa mill-kamra tal-eżami;

Illi l-fatt ewlieni u, fil-fehma tal-Qorti, kruċjali hu li kieku l-proċess tmexxa kif kien stabilit, l-attur kellu jersaq biss għal eżami riparatorju tal-prattika u mhux għall-eżami riparatorju tal-kitba. U min kien inkarigat intebah bl-iżball li sar wara li nqala' l-episodju tal-ikkupjar[35]. Il-Qorti tagħmilha ċara li jekk tabilħaqq l-attur ipprova jieħu vantaġġ mhux xieraq waqt l-eżami, dan ma tapprovahx bl-ebda mod u aktar u aktar minn membru tal-armata. Iżda tibqa' tqis li huwa fatt li l-attur ma messux kien għal dak l-eżami. Fi kliem ieħor, għall-finijiet tal-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar l-ilment tal-attur, iċ-ċirkostanza li fiha seta' nqabad jikkopja waqt eżami li ma messux kien resaq għalih issir ċirkostanza newtrali li ma tnaqqas xejn min-nuqqasijiet proċedurali mandatorji li messhom tħarsu hu u għaddej il-proċess;

Illi, fi kliem il-Kaptan Cachia, hija "ħaġa tal-iskantament" li ħadd ma ntebah bl-iżball, billi lanqas rassenja ma nżammet ta' min kien deher u min kellu jersaq għall-eżami. L-iżball inkixef wara li l-eżami kien sar. Minħabba f'dak l-episodju, l-attur ma tħalliex jersaq għar-reparatorju tal-prattika, meta dan kien sewwasew l-eżami li kien jistħoqqlu jersaq għalih u li għalih kien eliġibbli ladarba kien għadda tajjeb biżżejjed fl-eżami miktub;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu[36], l-imħarrek jisħaq li l-allegazzjoni tal-attur dwar dak li sar baqgħet allegazzjoni biss u ma seħħlux jipprovaha.

[35] Xhieda tal-Kapt. Joseph Cachia 1.2.2011, f'paġ. 88 tal-proċess
[36] §§ 52 sa 57 tan-Nota tal-Osservazzjonijiet f'paġġ. 177 – 8 tal-proċess

Għalkemm jistqarr li veru sar żball, dan huwa tfettiq "bil-*punto e virgola*" li l-attur ma weriex li huwa l-prova ta' ħtieġa proċedurali mandatorja. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni, u jidhrilha li ma jixraqx li l-imħarrek iqis żbalji hekk bażilari u nuqqasijiet hekk ċari bħala ħwejjeġ ta' siwi żgħir. Dawn in-nuqqasijiet kienu, fil-każ tal-attur, determinanti għal dak li sab ruħu fih. Kienu nuqqasijiet li, bi ftit għaqal, setgħu ma seħħewx. Ma humiex nuqqasijiet li wieħed jista' mbagħad jgħatti billi jgħid li, f'kull każ, ukoll kieku l-attur tħalla jersaq għar-riparatorju tal-prattika u jġib il-grad, xorta waħda ma kienx se' jkun garantit li jingħata l-promozzjoni għal *lance bombardier*. Lanqas ma jgħodd l-argument li l-attur ma kienx jistħoqqlu jersaq għar-riparatorju tal-prattika għaliex kien weħel sewwa fl-ewwel darba li għamlu: dan l-argument iwaqqa' d-deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-Kaptan Cachia li jagħti lil dawk li weħlu (mhux biss dawk li weħlu għal ftit) l-opportunita' li jagħmlu l-eżami riparatorju. Jekk dak li l-Kaptan Cachia qatagħha li kellu jsir ma kienx approvat, iżjed u iżjed jikbru n-nuqqasijiet proċedurali fil-proċess. Jekk, min-naħa l-oħra, dak li għamel il-Kaptan Cachia kien fis-setgħat tiegħu u approvat (tant li l-konklużjonijiet tal-proċess tal-eżamijiet kien intlaqa' mill-Kap Kmandant), allura mbagħad irid jitfisser għaliex l-attur qiegħed jingħad li ma kellux jedd jersaq għall-eżami riparatorju;

Illi mill-provi dokumentali[37], ħareġ ukoll li l-eżami tal-kitba tas-26 ta' Mejju, 2008 (jiġifieri dak li l-attur intalab joqgħod għalih bħala riparatorju) ma kienx maħsub li jkun tabilħaqq eżami riparatorju, imma l-ewwel eżami miktub tat-tieni grupp ta' kandidati (l-attur kien jagħmel mill-ewwel grupp). Jekk wieħed kellu joqgħod għall-istess "*record of proceedings*" l-eżami riparatorju tal-prattika tas-sewqan (dak li għalih l-attur messu ssejjaħ u li għalih kien eliġibbli) kellu jsir fil-5 ta' Ġunju, filwaqt li r-riparatorju kellu jsir fit-12 ta' Ġunju. Dan juri li l-affarijiet lanqas imqar saru kif kien avżat minn qabel lill-kandidati;

Illi, biex ikun ingħad kollox, dawn in-nuqqasijiet proċedurali ma jaħti għalihom xejn l-attur billi ma ikkontribwixxa bl-ebda mod għall-iżbalji li ħarġu. Jidher ċar li kienu nuqqasijiet min-naħa tal-amministrazzjoni tal-

[37] Ara Dok "Ċ", f'paġ. 9 tal-proċess

Armata, b'nuqqas ta' żamma tajba ta' tagħrif u, wisq aktar, b'nuqqas ta' twettiq xieraq u rett tal-proċess kollu. Dan kollu, fil-fehma tal-Qorti, jaqa' fit-tifsira ta' ksur *ultra vires* proċedurali tal-egħmil amministrattiv taħt it-termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12;

Illi għalhekk, l-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija tajba u sejra tilqagħha, u sejra tiċħad għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek fil-mertu safejn jirreferu għal dik it-talba;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tieni talba attriċi** dan jintrabat sewwa ma' dak li qalet il-Qorti aktar qabel hi u tistħarreġ l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek. Il-Qorti ma għandha xejn x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet li diġa' għamlet u ssib li ma tistax tagħti lill-imħarrek ordni kif jintalab fit-tieni talba attriċi. L-effett tas-sejbien favorevoli tal-ewwel talba attriċi sata' wassal għat-tħassir tad-deċiżjoni meħuda kontra l-attur meta ma tħalliex jieħu sehem fl-eżami riparatorju prattiku, iżda mhux aktar minn hekk;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu[38], l-attur jgħid li l-mertu ta' din it-talba safa eżawrit minħabba li, fil-frattemp, huwa kien raġa' resaq għall-eżami mill-ġdid u għadda. Minkejja din iċ-ċirkostanza, l-attur qatt ma iddikjara formalment li kien qiegħed iċedi din it-talba tiegħu. Għalhekk il-Qorti kellha tabilfors tqisha. Qisitha, kif ħareġ ċar, fuq is-siwi ta' talba bħal dik f'azzjoni bħalma hija din tal-lum;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni talba attriċi kif magħmula mhijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tielet talba attriċi**, irid jingħad li din hi talba marbuta mat-talba ta' qabilha. Jekk it-talba ta' qabilha kif imfassla ma setgħetx tintlaqa', hekk ukoll ma tistax tintlaqa' t-tielet talba. F'kull każ,

[38] Ara paġ. 157 tal-proċess

din it-talba jidher li issa hija eżawrita għaliex, sakemm kienet għadha miexja l-kawża u għadhom jitressqu l-provi, l-attur kien raġa' ħa sehem fl-eżamijiet li nżammu matul l-2010, għadda minnhom (kemm il-parti l-miktuba u kif ukoll il-parti prattika) u ngħażel fil-grad;

Illi l-Qorti tagħraf li dan kollu kellu jsir b'effett tad-deċiżjoni ħażina li ttieħdet fl-eżerċizzju tal-għażla ta' Ottubru tal-2008, iżda se' żżomm dan kollu quddiemha meta tqis il-kap tal-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrkin u ssib li l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru ma messux tħarrek f'din il-kawża għaliex ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi billi ma ntweriex li kien bl-ebda mod imdaħħal fil-ġrajja jew fid-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-każ, u għaldaqstant teħilsu milli joqgħod fil-kawża bi spejjeż għall-attur;

**Tiċħad iż-żewġ eċċezzjonijiet ulterjuri** l-oħrajn għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** safejn tolqot it-tieni talba attriċi billi f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju il-Qorti ma tistax tagħmel ordni bħal dik li l-attur jitlob f'dik it-talba;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li d-deċiżjoni min-naħa tal-Kap Kmandant imħarrek li l-attur ma jitħalliex jersaq għal eżami riparatorju prattiku tas-sewqan għall-għażla tiegħu fil-grad ta' Sewwieq BII saret bi

ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex saret b'mod abbużiv, irraġonevoli u bi ksur ta' ħtiġijiet mandatorju fit-twettiq ta' dak l-egħmil amministrattiv;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi mhuwiex mogħti lill-Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li tagħti rimedju li jmur lil hinn mis-setgħat tagħha f'każ bħal dak;

**Tastjeni** mill tqis **it-tielet talba attriċi** kemm għaliex din hija konsegwenzjali għat-tieni talba u kif ukoll minħabba li, fiż-żmien li l-kawża kienet għadha qiegħda tinstema', l-attur ingħata l-ħatra li għaliha tirreferi l-istess talba;

**Tordna** li bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kap 12, il-Kap Kmandant imħarrek iħallas żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) tal-**ispejjeż tal-kawża,** filwaqt li l-attur iħallas terz ($^{1}/_{3}$) tal-istess, flimkien mal-ispejjeż tal-Prim Ministru marbuta mal-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tiegħu;

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------